FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 12 TA' APRIL 2016

Il-Pulizija

Spettur Daryl Borg

vs

Frank Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 314769M akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2015 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, gewwa l-Floriana u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahghom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nnkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, mingħajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 1063 Joseph Mizzi f'periklu car, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 1063 Joseph Mizzi, hekk kif iccertifikat Dr. Rebecca Anne Pisani M.D. gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra WPS 217 Alison Formosa, PC 1063 Joseph Mizzi, Marvin (Maria Vienna) Briffa u Tracy Mizzi sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U kif ukoll talli minghajr ma darab jew sawwat, waddab tazza tal-hgieg kontra Marvin (Maria Vienna) Briffa u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ikkaguna biza' lil Marvin (Maria Vienna) Briffa li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil- pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b`xi mod iehor iehor li mhux provdut f`dan il- Kodici, joffendi l- morali, l-imgieba xierqa jew id- decenza pubblika u dan bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` Marvin (Maria Vienna) Briffa jew biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta` protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta` vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` Marvin (Maria Vienna) Briffa billi taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront ta` l-imputat u dan bi ksur tal-Artikolu 328A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament mhux opposta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 95, 96, 221, 251B, 328A, 338 (bb)(ee)(m), 339(1)(b)(d), 412C, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi: Tikkundannah multa ta’ €800 li jithallsu bit-€30 mensili, ininterrotti, bid-dekadenza fin-nuqqas. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerja sospizi ghal erba’ snin. Kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap 9, tohrog ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Vienna Marvin Briffa ghal tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat